MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2002

Numru 960/2002

**Il-Pulizija**

**vs**

**D. Mohamed Bashir Hafed**

**Seduta tal-lum 22 ta’ Novembru, 2002.**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra D. Mohamed Bashir Hafed ta’ 32 sena, bin Dahw u Mabruka nee’ Rabii, mwieled Tunis fl-01 ta’ Jannar, 1970, residenti 5, Triq il-Kapuccini, Marsa, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 018184A, talli f’dawn il-Gzejjer, fil-21 ta’ Novembru u fil-granet ta’ qabel b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda.

Minghajr permess tal-Ministru, xtara jew issellef xi dehb jew xi flus barranin minghanh jew biegh jew sellef xi deheb jew flus barranin minghand, jew biegh jew sellef xi deheb jew xi flus barranin lil xi persuna ohra li ma tkunx negozjant awtorrizat u dan bi ksur tal-artikolu 4 tal-Kap 233 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan tahht l-istess provediment ta' l-artikolu 43 tal-istess Kapitolu.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat.

Fuq ammissjoni ssibu hati.

Rat l-art. 4 u 43 tal-Kap 233.
Tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' Lm20 u tordna il-konfiska tal-flus esebiti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------